**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 591/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

[redacted]

Illum 26 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti [redacted], detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru [redacted], akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-23 ta' Ottubru 2020, minn ġewwa l-fond 'Casa Padre Pio', 87, Triq Bormla, f'Raħal Ġdid (Paola) u f'dawn il-gżejjer:

1. ikkommettiet serq ta' ġojjellerija jew oġġetti magħmula mid-deheb, għad-dannu ta' [redacted] u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li

jiskorri l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-lok;

2. irrendiet ruħha reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġiet misjuba ħatja b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Marzu 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269, 279(b), 280 u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontriha u kkundannatha għal perjodu ta' għoxrin (20) xahar priġunerija. A bażi ta' Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputata ġiet ikkundannatha tħallas is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) lill-*parte civile* fi żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-1 ta' April 2024 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"a. tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitha ħatja bħala reċidiva tal-ewwel u tieni imputazzjoni u tiddikjaraha mhux ħatja tagħhom u konsegwentement tilliberaha minnhom skont il-liġi,*

*b. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-14 ta' Mejju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Marzu 2024.

Illi dan il-każ jirrigwarda serq li twettaq fid-dar tal-familja [redacted] Jidher li f'Settembru 2020 il-*parte civile* [redacted] kienet qed tfittex *maid* fejn bħala konsegwenza ta' liema l-appellanti allura imputata ġiet ingaġġata bħala tali. Jirriżulta li l-appellanti kienet tmur tnaddaf id-dar tal-*parte civile* fejn wara xi żmien beda jiġi nnutat li xi deheb naqas. Eventwalment inbdew proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellanti allura imputata fejn hija ġiet akkużata, fost l-oħrajn, b'serq aggravat b'numru ta' kwalifiki.

Illi minkejja li fit-talbiet tagħha hekk kif kontenuti fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti titlob li din il-Qorti tiddikjaraha mhux ħatja tal-addebitu tar-reċidiva tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u li, f'każ li din it-talba ma tiġix milqugħa, alternattivament tingħata piena ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ, pero' fl-istess waqt l-uniku aggravju mressaq mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha jirrigwarda biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha. Jingħad ukoll li fir-Rikors tal-appell tal-appellanti ma jingħadx għala l-appellanti ma kellhiex tinstab ħatja li hija reċidiva. Għal kull buon fini jingħad li fis-sottomissjonijiet finali bil-fomm quddiem din il-Qorti dwar ir-Rikors tal-appellanti, il-konsulent legali tal-appellanti għaraf li r-Rikors tal-appell tal-patroċinata tiegħu kien jirrigwarda l-piena msemmija. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-uniku aggravju hekk kif imressaq fir-Rikors tal-appell tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-uniku aggravju mressaq mill-appellanti hija tilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u tgħid li l-Ewwel Qorti kien

messha ħadet in konsiderazzjoni numru ta' ċirkostanzi, fosthom il-fatt li hija kkooperat mal-Pulizija, il-fatt li l-ksur tal-ħelsien mill-arrest ma ġiex pruvat skont il-ligi, u l-fatt li hija kienet tabbuża mid-droga. Tisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-prinċipji kardinali li fuqhom tiġi kalibrata l-piena u ċioè l-element retributtiv, dak preventiv u dak ri-edukattiv jew rijabilitattiv.

Illi fl-istess aggravju l-appellanti tisħaq fuq l-element ta' proporzjonalita' bejn ir-reat u l-piena inflitta. Tgħid li fis-soċjeta' kull parti għandha d-dmirijiet u d-drittijiet tagħha u li għalhekk ma għandhiex tkun suġġetta għal piena sproporzjonata stante li jkun hemm leżjoni tad-drittijiet tagħha. Tispjega li minkejja li kellha l-fondi neċessarji, hija kellha diffikulta' tisbanka tali fondi. Tissottometti li f'każ ta' ħtija hija għandha tingħata sentenza li filwaqt li tissalvagwardja s-soċjeta' u lill-*parte civile* u l-interessi tagħha u taġixxi bħala deterrent, mill-banda l-oħra hija għandha tingħata sentenza li tgħinha fir-riforma tagħha. Tisħaq li għalkemm persuna taf iddum ma taqbad it-triq id-dritta, meta hija turi x-xewqa li tagħmel dan hija għandha tiġi mogħtija tali opportunita'.

Illi l-appellanti tirreferi għal Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tagħmel riferenza għad-definizzjoni tat-terminu "proporzjonalita'". Tispjega li in vista tal-familja tajba tagħha li setgħet tinċentivha taqbad it-triq it-tajba, il-piena setgħet tkun ta' aktar inkoraġġament. Tisħaq li l-piena ma għandhiex tkun mezz ta' vendikazzjoni tas-soċjeta'. Titlob li la darba tigi kkonfermata l-ħtija tagħha, il-piena għandha tkun aktar fuq id-*de minimis* hekk kif maħsub taħt Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-appellanti tagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati u tagħmel riferenza wkoll għal Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dak li ngħad fir-rigward tar-riforma fil-liġijiet dwar l-abbuż tad-droga.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota għal darba oħra li li ma tressaq l-ebda aggravju dwar ir-reċidiva. Dwar l-uniku

aggravju mressaq fir-Rikors tal-appellanti, liema aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti allura imputata, din il-Qorti tibda billi tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar Yusuuf Hodan** (Numru 231/2009) fejn ingħad hekk:

> "Illi dan l-appell tal-Avukat Ġenerali hu limitat għall-piena erogata ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Jiġi ribadut li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx teżorbita mill-parametri tal-liġi jew ma tkunx manifestament waħda esaġerata. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u oħrajn). Illi kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti, dan il-prinċipju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba ħatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Ġenerali."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha wkoll dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:
>
> > *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the*

> *punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun

ghola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, li ma hemm ebda aggravju dwar ir-reċidiva u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellanti allura imputata nstabet ħatja tagħhom mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Magħdud ma' dan, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll tal-fedina penali aġġornata tal-appellanti hekk kif eżebita quddiem din l-istess Qorti minn liema jirriżulta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti għandha tibqa' mhux mibdula.

Illi għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti tinnota li mis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2016 li tirriżulta fl-atti proċesswali (Dok. "FC 1" – *a fol.* 102 *et seq.*) jirriżulta li din is-sentenza ngħatat fil-konfront tal-appellanti minħabba li l-konnotati msemmija fiha huma identiċi għal dawk tal-appellanti fil-kawża odjerna. Apparti minn dan, jingħad ukoll li mill-fedina penali tal-appellanti li tinsab fl-atti proċesswali jirriżulta li l-piena msemmija fis-sentenza appena msemmija kienet ġiet skontata. Minbarra dan mix-xiehda tal-Assistent Reġistratur Franklin Calleja mogħtija fit-2 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 100) jirriżulta li din is-sentenza kienet finali u li ma kinitx ġiet appellata.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, mhux talli jirriżulta li l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tal-appellanti allura imputata ġie ppruvat, talli minħabba r-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq ma hemmx lok li jiġi milqugħ l-uniku aggravju mressaq mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha, liema aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha, liema aggravju b'hekk qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti [redacted] u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**